**12 ta' Settembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. H. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Joseph Mifsud**

*versus*

**Alfred Flask**

**Konsorzju — Tiswijiet fil-Ħaġa Komuni.**

*Biex il-komproprjetarju, li jkun għamel spiża ta' tiswija ta' ħaġa posseduta in komun, ikun jista' jippretendi r-rimborż kontra l-komproprjetarju l-ieħor ta' sehmu min din l-ispiża, jeħtieġ, jew li huwa ikun ottjena preventivament il-kunsens tal-ieħor għax-xogħol tat-tiswija, jew inkella li jkun ottjena fil-konfront tal-ieħor l-awtorizzjoni mill-Qorti biex jagħmel dak ix-xogħol, wara li tkun ġiet konstatata n-neċessità tiegħu.*

*Jista' jkun hemm każijiet ta' urġenza immedjata li jinneċessitaw konsiderazzjoni speċjali; jista' jagħti wkoll il-każ li, minflok il-kunsens preventiv tal-komproprjetarju l-ieħor, ikun hemm l-akkwijexxenza tiegħu, wara li jinbeda x-xogħol, b'ex ix-xogħol jitkompla bil-kuntentizza tiegħu; jista' wkoll ikun hemm ċirkustanzi li jirrendu applikabbli l-prinċipju tal-arrikkiment indebitu. Imma r-regola hija dik fuq delineata.*

**Il-Qorti:**— Rat l-avviż tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £10 bħala l-parti tiegħu mill-ispejjeż ta' tiswija ta' bir komuni bejn id-dar tiegħu 21 St. George's Street, Cospicua, u d-dar tal-attur 19 fl-istess trieq; bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' April 1959, li biha ċaħdet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu; billi kkunsidrat;

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet li għalihom wasal il-perit legali. Infatti, l-attur ma rnexxielux jipprova li l-konvenut kien ta l-kunsens tiegħu ħalli jsir dak ix-xogħol fil-bir komuni, u għalhekk ma għandux jiġi kundannat iħallas ebda parti mill-ispiża;

Rat fol. 41 in-nota tal-attur, li biha appella mis-sentenza fuq imsemmija, u fol. 42 iċ-ċitazzjoni li biha talab ir-revoka tagħha u li tiġi għalhekk akkolta t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Jirriżulta mill-provi, partikolarment mix-xhieda tal-attur f'din is-sede, illi l-bir hu komuni bejn il-kontendenti, għax, għad li għandhom bokkok distinti, eppure l-konka hi ndiviża bla ebda ħajt prolungat li jifridha;

F'materja ta' spejjeż ta' tiswijiet ta' ħaġa komuni, il-prinċipju sanċit minn din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Superjuri ("Grech vs. Briffa", 21 ta' Frar 1958), hu fis-sens li, biex il-komproprjetarju, li jkun għamel spejjeż ta' tiswija ta' ħaġa posseduta in komun, jista' jkollu jedd ta' rimborż kontra l-komproprjetarju l-ieħor, jeħtieġ, jew li jkun ottjena preventivament il-kunsens tal-ieħor għax-xogħol ta' tiswija, jew inkella li jkun ottjena fil-konfront tal-ieħor awtorizzazzjoni mill-Qorti biex jagħmel dak ix-xogħol, wara li tiġi konstatata n-neċessità tiegħu. Jista', s'intendi, ikun hemm każijiet ta' urġenza immedjata, li jinneċessitaw konsiderazzjoni speċjali. Jista' jagħti l-każ ukoll li jkun hemm, minflok il-kunsens preventiv, l-akkwijexxenza wara li jinbeda x-xogħol, pruvata b'mod li turi ċar il-kunsens tal-komproprjetarju li x-xogħol, avvolja nbeda bla kunsens tiegħu, jibqa' jsir bil-kuntentizza tiegħu. Jista' jkun hemm anki ċirkustanzi tali li jirrendu applikabbli l-prinċipju tal-arrikkiment indebitu, bħal fil-każ riportat fil-Kollezzjoni Vol. XIX-II-44;

F'dan il-każ preżenti, proċeduri għall-awtorizzazzjoni preventiva ma kienx hemm. Għalhekk teħtieġ il-prova tal-kunsens;

Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Ewwel Grad li l-attur ma rnexxielux jipprova l-kunsens fis-sens fuq spjegat;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant; salvi drittijiet oħra eventwali tal-attur, "si et quatenus".